# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, it-Tlieta, 14 ta' Jannar, 2020**

**Kawża Numru 1 (Kost.)**

**Rik. Nru. 37/17JRM**

Stephen **BARTOLO**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Stephen Bartolo fid-19 ta' Mejju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti (i) issib li l-fatt li wara li ngħatat is-sentenza tat-Tribunal tal-Investigazzjoni tal-Inġustizzji (Nru. 24/97) fil-konfront tiegħu fit-2 ta' Diċembru, 1997, inbidlet l-interpretazzjoni u ma tqajmitx aktar l-eċċezzjoni għall-finijiet tal-artikolu

5(3)(b) tal-Att VIII tal-1997[1], ġablu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u kif ukoll taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u dan fl-aspett taċ-ċertezza tad-dritt imħarsa fl-imsemmi jedd; (ii) tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, magħdud li terġa' tqiegħed lir-rikorrent fl-istat li kien fih qabel ma ngħatat id-deċiżjoni msemmija tat-2 ta' Diċembru, 1997, mill-imsemmi Tribunal; (iii) tagħtih *forum* fejn jista' jerġa' jressaq l-ilment tiegħu, ladarba t-Tribunal m'għadux kostitwit; u (iv) tordna l-ħlas lilu ta' kumpens kemm materjali u kif ukoll morali taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u meħtieġa. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2017, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fis-6 ta' Ġunju, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qalu li r-rikorrent naqas li jinqeda bir-rimedji ordinarji mogħtija lilu mil-liġi u għalhekk din il-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; jgħidu wkoll li sentenzi oħra mogħtija mill-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali iddeċidew dwar l-ilment tar-rikorrent u mhemmx lok li din il-Qorti terġa' tipprovdi dwaru. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li din l-azzjoni hija waħda fiergħa għaliex ma hija xejn iżjed minn tentattiv tar-rikorrent biex jerġa' jqajjem kwestjoni li bħalha kien ressaq qabel u ġiet miċħuda mill-ogħla qorti. Żiedu jgħidu li r-rikorrent ma għandu l-ebda jedd jimponi x'eċċezzjonijiet tqajjem il-parti l-oħra u meta u jekk tagħżilx li tqajjimhom f'xi proċeduri u mhux f'oħrajn. Daqstant ieħor, il-qrati ma humiex marbutin li dejjem u bl-istess mod jiddeċiedu kwestjonijiet legali li jitressqu quddiemhom, billi kull każ għandu l-fattispeċi tiegħu u billi l-ġurisprudenza tinbidel maż-żmien. B'daqshekk ma jkun hemm l-ebda każ ta' nuqqas ta' ċertezza tad-dritt. L-ilment tar-rikorrent ma jaqa' taħt l-ebda ċirkostanza maħsuba fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, billi l-każ tiegħu tmexxa fi żmien raġonevoli, quddiem qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan minbarra li xilja ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq trid titqies fid-dawl ta' jekk il-proċediment kollu jkunx tmexxa b'ħaqq fis-sustanza u fil-proċedura u mhux fuq is-saħħa ta' episodju proċedurali wieħed;

[1] L-Att dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji (Kap 394)

Rat il-provi mressqa mill-partijiet, magħduda dawk bil-mezz tal-affidavit u kif ukoll il-provi dokumentali rilevanti għall-każ;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2018, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tat-tressiq tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fis-7 ta' Mejju, 2018[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fit-28 ta' Ġunju, 2018[3], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent jgħid li huwa ġarrab ksur ta' dan il-jedd fi proċeduri li huwa kien nieda quddiem it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji[4] u dan minħabba li, fil-każ tiegħu, il-parti l-oħra kienet qajmet eċċezzjoni (li laqtitlu ħażin il-każ tiegħu u waqqfet is-smigħ tal-istess każ) li ma baqgħetx tqajjimha aktar f'każijiet oħrajn ta' nies li kellhom ilmenti bħalu. Huwa jitlob li, minbarra li din il-Qorti ssib li huwa ġarrab tali ksur tal-jedd fundamentali tiegħu, tordna li jerġa' jitqiegħed fl-istat li kien fih qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni mill-imsemmi Tribunal u tagħtih *forum* fejn jista' jressaq l-ilment li kellu (ladarba t-Tribunal imsemmi m'għadux kostitwit) u tikkundanna lill-intimati jħallsuh kumpens;

Illi għal din l-azzjoni l-intimati laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li r-rikorrent naqas li jinqeda bir-rimedji ordinarji mogħtija lilu mil-liġi u għalhekk din il-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; jgħidu wkoll li sentenzi oħra mogħtija mill-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali iddeċidew dwar l-ilment tar-rikorrent u mhemmx lok li din il-Qorti terġa' tipprovdi dwaru. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li din l-azzjoni hija waħda fiergħa għaliex ma hija

[2] Paġġ. 128 – 141 tal-proċess
[3] Paġġ. 143 – 156 tal-proċess
[4] Imwaqqaf bl-Att VIII tal-1997 (Kap 394)

xejn iżjed minn tentattiv tar-rikorrent biex jerġa’ jqajjem kwestjoni li bħalha kien ressaq qabel u ġiet miċħuda mill-ogħla qorti. Żiedu jgħidu li r-rikorrent ma għandu l-ebda jedd jimponi x’eċċezzjonijiet tqajjem il-parti l-oħra u meta u jekk tagħżilx li tqajjimhom f’xi proċeduri u mhux f’oħrajn. Daqstant ieħor, il-qrati ma humiex marbutin li dejjem u bl-istess mod jiddeċiedu kwestjonijiet legali li jitressqu quddiemhom, billi kull każ għandu l-fattispeċi tiegħu u billi l-ġurisprudenza tinbidel maż-żmien. B’daqshekk ma jkun hemm l-ebda każ ta’ nuqqas ta’ ċertezza tad-dritt. L-ilment tar-rikorrent ma jaqa’ taħt l-ebda ċirkostanza maħsuba fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, billi l-każ tiegħu tmexxa fi żmien raġonevoli, quddiem qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi. Dan minbarra li xilja ta’ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq trid titqies fid-dawl ta’ jekk il-proċediment kollu jkunx tmexxa b’ħaqq fis-sustanza u fil-proċedura u mhux fuq is-saħħa ta’ episodju proċedurali wieħed;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li r-rikorrent kien iservi fil-Forzi Armati ta’ Malta. Huwa qies li, bejn is-snin 1988 u l-1992, kien inqabeż milli jingħata promozzjoni u, f’xi żmien fl-1997, kien ressaq ilment dwar dan quddiem it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta’ Inġustizzji (minn issa ’l hemm imsejjaħ “it-Tribunal”) biex jingħata rimedju;

Illi ġara li, fil-każ tiegħu, il-Kap Kmandant intimat qajjem l-eċċezzjoni[5] li t-Tribunal ma kellux is-setgħa li jqis l-ilment tar-rikorrent minħabba li dan kien naqas li juri li kien inqeda bid-dispożizzjonijiet tal-liġi li tgħodd għalih[6] biex jitlob rimedju għall-ilment tiegħu qabel jersaq quddiem it-Tribunal;

Illi b’sentenza mogħtija fit-2 ta’ Diċembru, 1997[7], u għar-raġunijiet hemm imfissra, it-Tribunal laqa’ l-imsemmija eċċezzjoni u sab li ma setax iqis l-ilment tar-rikorrent u ċaħad it-talbiet tiegħu;

Illi wara li ngħatat dik is-sentenza, fi Frar tal-1999 ir-rikorrent fetaħ proċeduri quddiem din il-Qorti dwar ksur ta’ jedd fundamentali tiegħu li ma jġarrabx trattament diskriminatorju, għaliex qal li f’każijiet oħrajn ta’ rġiel tal-forza bħalu, l-imsemmija eċċezzjoni ma tqajmitx u l-ilmenti tagħhom tqiesu mit-Tribunal xorta waħda. B’sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fid-29 ta’ Marzu, 1999, u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti sabet li ma kellhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma’ l-każ għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, billi r-rikorrent kien naqas li jinqeda mir-rimedji l-oħrajn li l-liġi kienet tagħtih biex jindirizza l-ilment tiegħu;

[5] Skond l-art. 5(3)(a) tal-Kap 394
[6] Art. 161 tal-Kap 220
[7] Dok “B”, f’paġġ. 44 sa 53 tal-proċess

Illi r-rikorrent appella minn dik is-sentenza, u b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 1999[8], u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-appell tiegħu u ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti. Għalkemm ir-rikorrent kien fetaħ proċedura ta' ritrattazzjoni minn dik is-sentenza, huwa ċeda l-atti fi Frar tal-2000;

Illi fid-19 ta' Mejju, 2017, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta ma' dan il-każ jirrigwardaw ilment li r-rikorrent ilu żmien twil iqajjem dwar il-karriera tiegħu fl-armata u li għadu qiegħed iqanqal, minkejja li llum irtira mill-istess forzi armati. L-ilment tiegħu f'din il-kawża jissejjes fuq il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq quddiem it-Tribunal;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ is-siwi tal-imsemmi lment jixraq li tqis fl-ewwel lok iż-żewġ **eċċezzjonijiet preliminari** mqajma mill-intimati. Jekk tilqa' xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet, ma jkunx meħtieġ li din il-Qorti tgħaddi biex tqis il-mertu tal-ilment tar-rikorrent;

Illi fl-**ewwel eċċezzjoni preliminari**, l-intimati jistiednu lil din il-Qorti biex tagħżel li ma tqisx il-każ tar-rikorrent ladarba huwa naqas li jirrikorri għal rimedji "ordinarji" li l-liġi kienet tagħtih. B'mod partikolari, huma jgħidu li r-rikorrent sa minn dejjem seta' jressaq proċedura ta' stħarriġ ġudizzjarju mis-sentenza tat-Tribunal u jitlob li jikseb rimedju bis-saħħa ta' dik il-proċedura. Iżidu jgħidu li dak ir-rimedju ssemma saħansitra minn din il-Qorti (diversament presjeduta) u mill-Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali li r-rikorrent kien nieda fl-1999. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, l-intimati jissottomettu li din il-Qorti għandha tilqa' l-istedina tagħhom li ma tqisx il-każ tar-rikorrent;

Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent iwarrab l-imsemmija eċċezzjoni billi jgħid li l-intimati naqsu li jgħidu x'seta' kien ir-rimedju li kellu u li naqas li jinqeda bih. Huwa jisħaq li l-każ tiegħu mhuwiex jattakka s-sentenza tat-Tribunal imma l-proċedura li tħaddmet matul il-każ tiegħu. Huwa jfisser li fil-fatt huwa ma kellu qatt rimedju ieħor x'jieħu jekk mhux billi jressaq ilment ta' ksur ta' jedd findamentali quddiem din il-Qorti;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u**

[8] Ara Kollez. Vol: **LXXXIII.i.275**

**oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[9]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex it-twettieq tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[10] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[11];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[12]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[13]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fondamentali li diġà seħħ jew li x'aktarx iseħħ[14];

Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kienu l-intimati li qajmu l-eċċezzjoni li r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedji oħra li kellu għad-

---

[9] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[10] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[11] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[12] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[13] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[14] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***

dispożizzjoni tiegħu, u huwa għalhekk dmir tagħhom li juru li r-rikorrent tassew kellu dak ir-rimedju u li naqas li jinqeda bih;

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application*"[15]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-regoli għaqlin joqogħdu sewwa għall-każ tal-lum u b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel;

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[16]. Mhuwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[17];

Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[18];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex

[15] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd. Edit, 2007) §I-040, pġ. 31 – 2
[16] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[17] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[18] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th. Edit, 2006), pġ. 133

tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalità, inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[19]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[20]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[21]. Min-naħa l-oħra, jibqa' dejjem fis-setgħa tal-Qorti Kostituzzjonali li tqis jekk l-għażla magħmula minn din il-Qorti li twettaq is-setgħat tagħha u tisma' l-ilment fil-mertu kinitx waħda tajba u skond il-prinċipji stabiliti[22];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettieq ta' dawk is-setgħat[23];

Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within*

---

[19] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***
[20] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[21] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[22] Kost. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Gafà Saveways Limited et vs Avukat Ġenerali et***
[23] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

*which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[24]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti ta' Strasbourg[25] jidher li jista', fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed imexxi 'l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

Illi l-kejl determinanti dwar l-aċċettabilità ta' rimedju bħal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jingħata. Għalhekk, kien hemm każijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bħala wieħed li jindirizza sewwa l-ilment imressaq mir-rikorrent (ukoll fejn l-allegazzjoni kienet ta' ksur ta' jedd "konvenzjonali")[26] (u għalhekk jiġġustifika li l-Qorti "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha straordinarji), imma kien hemm każijiet oħrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bħala wieħed effettiv[27];

Illi, minbarra dan, jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit f'kawżi li jolqtu lil Malta[28];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti għadha kemm għamlet, jidher li l-eċċezzjoni mqajma mill-intimati hija tajba fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Ma huwiex minnu li l-istess intimati ma semmewx x'kien ir-rimedju li r-rikorrent seta' nqeda bih biex jikseb dak li jrid jikseb b'din il-kawża. Minbarra dan, lanqas isemmu r-rimedju li r-rikorrent jgħid li mhuwiex xieraq – l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta – imma, għall-kuntrarju, jindikaw ir-rimedju li l-Qorti Kostituzzjonali nnifisha kienet semmiet fis-sentenza li kienet tat fl-appell tal-każ tal-istess rikorrent mill-ewwel kawża kostituzzjonali li kien fetaħ. Fit-tielet

---

[24] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, pġ. 134
[25] Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni
[26] Ara, per eżempju, Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs Kummissarju tal-Pulizija***
[27] Ara, per eżempju, Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorità tat-Trasport Pubbliku***
[28] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72

lok, fiż-żmien li r-rikorrent seta' nqeda b'dak ir-rimedju, kellu aċċess effettiv għalih. Ma jiswiex għar-rikorrent li jsemmi l-limitazzjonijiet tas-setgħat tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għaliex dak it-tribunal ma kienx għadu twaqqaf meta nqala' l-każ tiegħu u r-rimedju li kellu seta' u messu ttieħed fi żmien utli quddiem il-Qrati ordinarji li kellhom kull setgħa jistħarrġu l-imġiba tat-Tribunal fil-każ tiegħu[29];

Illi fiż-żmien li din il-kawża kienet miexja quddiem din il-Qorti, ir-rikorrent ma wera li nħalqet l-ebda ċirkostanza ġdida minn dak iż-żmien li kien fetaħ l-ewwel proċeduri quddiem din il-Qorti fl-1999 sakemm għażel li jiftaħ din il-kawża li biha seta' joħroġ lil hinn minn dak li seta' jinqeda bih b'mod tempestiv dak iż-żmien. Lanqas ma fisser għaliex ma nqediex b'tali rimedju meta kien aktar aċċessibbli milli hu llum (tant li waħda mit-talbiet tiegħu f'din il-kawża hija li jingħata rimedju effettiv dwar it-Tribunal li llum għalaq ix-xogħol tiegħu u lanqas ma huwa kostitwit);

Illi minħabba f'hekk, din il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni hija tajba u sejra tilqagħha;

Illi għalkemm waslet għal din il-fehma u tista' tieqaf hawnhekk, il-Qorti tħoss li jixraq tindirizza wkoll it-**tieni eċċezzjoni preliminari** għaliex issaħħaħ il-fehmiet tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Illi f'din l-eċċezzjoni, l-intimati jgħidu li l-azzjoni tar-rikorrent hija milquta mill-ġudikat. Huma jisħqu li l-kwestjoni mqajma mir-rikorrent f'din il-kawża kienet l-istess bħal dik li kien qajjem fl-ewwel kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali li huwa kien fetaħ snin ilu u li dwaru ngħataw sentenzi li llum saru ġudikat. Jgħidu wkoll li r-rikorrent ma weriex bl-ebda mod kif il-kawża tiegħu tallum tqajjem aspetti oħrajn jew tirreferi għal xi ksur ieħor ta' xi jedd fundamentali li ma ikien x diġà jagħmel parti mill-każ imsemmi;

Illi r-rikorrent hawnhekk ukoll iwarrab is-siwi tal-imsemmija eċċezzjoni. Wara li jagħmel rassenja mirquma dwar id-duttrina marbuta mal-istitut tal-ġudikat, huwa jgħaddi biex jgħid li din l-azzjoni tiegħu tissejjes fuq raġunijiet għal kollox differenti minn dawk li dwarhom kien fetaħ il-proċeduri ta' qabel quddiem din il-Qorti. Huwa jgħid li, filwaqt li l-proċeduri ta' qabel kienu jirrigwardaw ilment kontra trattament diskriminatorju, f'din il-kawża huwa jilmenta minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

Illi llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat

[29] App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali Qrati vs Pinu Axiaq***

tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma (a) l-istess oġġett (*eadem res*), (b) l-istess partijiet (*eadem personae*) u (ċ) l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*);

Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza[30], li tbiegħed il-possibilità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilità ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[31];

Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa[32], tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[33];

Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza[34]. Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża tkun diġà teżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[35];

Illi meta jitqiesu t-tliet elementi kostitutivi li jsejsu l-eċċezzjoni taħt eżami, għandu joħroġ li dwar tnejn minnhom, f'din il-kawża, ma hemm l-ebda dubju li jirriżultaw. Dan qiegħed jingħad kemm dwar l-element tal-"*eadem personae*" u kemm dwar dak tal-"*eadem res*". Kemm hu hekk, il-partijiet f'din il-kawża u f'dik maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 1999, huma l-istess. L-istess ħaġa tista' tingħad għall-qofol tal-kwestjoni, billi din

---

[30] App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)
[31] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)
[32] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Borġ et vs Anthony Francis Willoughby et***
[33] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija
[34] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);
[35] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (mhix pubblikata)

tirrigwarda l-ksur ta' jedd fundamentali tar-rikorrent minħabba l-proċediment u l-għoti ta' sentenza quddiem it-Tribunal dwar promozzjonijiet fl-armata li kien imċaħħad minnhom;

Illi l-kwestjoni li jifdal hi dwar jekk huwiex minnu, kif jallegaw l-intimati, li hemm ukoll l-element tal-"*eadem causa petendi*". Kif ingħad, ir-rikorrent jisħaq li dan ma jista' qatt ikun għaliex jgħid li l-kawża tiegħu tallum tinbena fuq ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali differenti minn dak li dwaru beda l-kawża ta' qabel;

Illi l-kwestjoni tal-identità tat-talba minn dejjem nisslet dibattitu, ukoll fil-qasam ta' kwestjonijiet li jirrigwardaw ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identità bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża[36]. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza[37];

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li biex tabilħaqq jista' jingħad jekk hemmx identità tal-oġġett tal-kawża bejn l-ewwel kawża maqtugħa b'sentenza u l-kawża li fiha titqajjem l-eċċezzjoni tal-ġudikat, wieħed irid "jeżamina jekk il-kwestjoni li tiġi sollevata bit-tieni domanda ġietx jew le ġjà deċiża bil-ġudikat preċedenti; fi kliem ieħor, jekk il-punt li jiġi diskuss fit-tieni kawża ġiex jew le ġudikat bis-sentenza ta' qabel, jew jekk dik l-ewwel sentenza ħallietx dak il-punt impreġudikat"[38];

Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih[39]. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[40];

---

[36] Kost. **25.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***John Camilleri vs Avukat Ġenerali***
[37] App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Farruġia*** (Kollez. Vol.**XXXVI.I.75)**
[38] Ara App. Inf. PS **23.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Lanzon et vs Charles Żammit Cordina***
[39] App. Ċiv. **6.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Lambusa Maritime Company Ltd vs Freightzone (Malta) Ltd.***
[40] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija

Illi din il-Qorti tqis li huwa sewwasew minħabba f'hekk li l-liġi tipprovdi[41] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza mgħandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[42];

Illi minbarra dan, illum huwa aċċettat ukoll li l-ġudikat ma jiġix nieqes jekk kemm-il darba jkun seħħ xi bdil ta' xi ċirkostanza wara li tkun ingħatat is-sentenza li saret ġudikat, ladarba l-fatti, l-ilment u t-talbiet tat-tieni kawża jibqgħu l-istess. Hekk, per eżempju, jgħodd xorta waħda l-element tal-ġudikat fejn, wara l-għoti ta' sentenza li saret ġudikat, tinbidel il-ġurisprudenza dwar liġi li tkun tqieset f'dik is-sentenza[43];

Illi fuq kollox, meta tingħata sentenza, l-effikaċja tagħha tgħodd u torbot ukoll għaż-żmien ta' wara li tkun ingħatat[44] u sakemm ma jkunx hemm bdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi li jagħti lok għal kambjament fl-oġġett mertu tal-kawża, ma jistax jingħad li l-effetti ta' dik is-sentenza li tkun saret ġudikat ikunu tabilħaqq inġabu fix-xejn[45];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti tasal għall-fehma li dan it-tielet element li jsejjes il-ġudikat jirriżulta wkoll. Fl-ewwel lok, wieħed irid jiftakar li s-sentenzi li fuqhom l-intimati jsejsu din l-eċċezzjoni ma kinux iddeċidew il-mertu tal-ilment imressaq mir-rikorrent, iżda l-kwestjoni dwar jekk il-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali jew 'konvenzjonali' messhiex wettqet is-setgħat tagħha biex tisma' l-każ. Dak kien l-istess mertu li din il-Qorti għadha kemm stħarrġet meta qieset l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati. Fit-tieni lok, ma jgħidx sewwa r-rikorrent meta jisħaq li l-ilment tiegħu f'din il-kawża jirrigwarda ksur ta' jedd fundamentali li ma kienx dak li fuqu nieda l-ewwel kawża. Għalkemm huwa sejjes l-ewwel kawża tiegħu fuq id-diskriminazzjoni taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, ta' min jgħid li huwa rabtu mal-kwestjoni tas-smigħ xieraq. Dan kien rilevat kemm mill-ewwel Qorti u kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenzi. Minbarra dan, huwa magħruf li lment ta' ksur tal-jedd li ma tingħatax trattament diskriminatorju taħt l-imsemmi artikolu jrid tabilfors jintrabat ma' xi jedd fundamentali ieħor sostantiv imħares fil-Konvenzjoni u,

---

[41] Art. 218 tal-Kap 12;

[42] Ara App. Ċiv. **25.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.131**); App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.76**) u App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Boniċi utrinque*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)

[43] P.A. (Kost.) AE **11.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Matthew Lanzon vs Kummissarju tal-Pulizija*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali **25.2.2013**)

[44] App. Inf. PS **5.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Aġius et vs Maria Fenech***

[45] P.A. (Kost.) TM **15.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Aquilina vs Ir-Repubblika ta' Malta et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali **24.6.2011**)

fil-każ tar-rikorrent, dan kien sewwasew il-jedd għal smigħ xieraq u b'mod partikolari l-aspett taċ-ċertezza tad-dritt;

Illi minħabba f'dan kollu, il-Qorti tasal biex issib li l-eċċezzjoni tal-ġudikat hija mistħoqqa u jixraq li tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tilqa' dawn l-eċċezzjonijiet preliminari, ma huwiex il-każ li tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tat-talbiet tar-rikorrent;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** preliminari tal-intimati bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u filwaqt li tagħżel li ma tgħaddix biex tqis it-talbiet tar-rikorrent fil-mertu minħabba li naqas li jinqeda b'rimedju effettiv li l-liġi kienet tagħtih, issib ukoll li l-azzjoni tar-rikorrent hija milquta mill-ġudikat;

**Tastjeni** milli tqis it-talbiet tar-rikorrent fil-mertu; u

Filwaqt li teħles lill-intimati mill-ħarsien tal-ġudizzju, **tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**14 ta' Jannar, 2020**